KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

**Brussel, 21 ta' Marzu 2005**
**(OR. es)**

**6540/05**

**SOC 71**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | Dikjarazzjoni mir-Renju ta' Spanja skond l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1408/71 ta' l-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni mpjegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom u għall-familjari tagħhom |

I. IL-LEĠISLAZZJONI U L-ISKEMI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4(1) U (2) TAR-REGOLAMENT

1) Il-leġislazzjoni elenkata, u d-disposizzjonijiet regolatorji u amministrattivi li jimplimentawhom.

Id-Dikriet Leġislattiv Rejali Nru 1/1994 ta' l-20 ta' Ġunju 1994, li japprova t-Test Konsolidat tal-Liġi Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali

Id-Dikriet Nru 2065/1994 tat-30 ta' Mejju, li japprova t-Test Konsolidat tal-Liġi Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali (id-disposizzjonijiet li jibqgħu validi)

Il-Liġi Nru 47/1998 tat-23 ta' Diċembru li jistipula r-regoli għar-rikonoxximent ta' l-irtirar bikri mill-iskema ta' sigurtà soċjali, f'ċerti każijiet speċifiċi

Id-Dikriet Nru 2123/1971 tat-23 ta' Lulju, li japprova t-Test Konsolidat tal-Liġijiet Nru 38/1966 tal-31 ta' Mejju u Nru 41/1970 tat-22 ta' Diċembru, li jistabbilixxu u jirregolaw l-Iskema Agrikola Speċjali ta' Sigurtà Soċjali

Id-Dikriet Nru 2864/1974 tat-30 ta' Awissu, li japprova t-Test Konsolidat tal-Liġijiet Nru 116/1969 tal-30 ta' Diċembru u Nru 24/1972 tal-21 ta' Ġunju, li jirregolaw l-Iskema Speċjali ta' Sigurtà Soċjali għall-Baħrin

Id-Dikriet Nru 2530/1970 ta' l-20 ta' Awissu li jirregola l-Iskema Speċjali ta' Sigurtà Soċjali għall-Persuni li Jaħdmu għal Rashom

Id-Dikriet Nru 2346/1969 tal-25 ta' Settembru li jirregola l-Iskema Speċjali ta' Sigurtà Soċjali għas-Servizz Domestiku

Il-Liġi tas-17 ta' Lulju 1953 dwar l-istabbiliment ta' skema speċjali għall-istudenti ("Seguro Escolar")

Id-Dikriet Nru 298/1973 tat-8 ta' Frar dwar l-aġġornar ta' l-Iskema Speċjali ta' Sigurtà Soċjali għall-Qtigħ tal-Faħam, b'konformità mal-Liġi Nru 24/1972 tal-21 ta' Ġnuju dwar l-iffinanzjar u t-titjib ta' l-Iskema Ġenerali ta' Sigurtà Soċjali

B'referenza għal:

il-ħarsien tas-saħħa;
l-inkapaċità għal perijodu qasir;
l-invalidità;
ix-xjuħija;
il-mewt u dawk li jibqgħu ħajjin;
l-inċidenti fuq ix-xogħol u mard ikkawżat mix-xogħol;
il-benefiċċji tal-familja.

(2) Għal protezzjoni kontra l-qgħad

It-Titolu II tad-Dikriet Leġislattiv Rejali Nru 1/1994 ta' l-20 ta' Ġunju 1994, li japprova t-Test Kodifikat tal-Liġi Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali

Il-Kapitolu III tal-Liġi Nru 45/2002 tat-12 ta' Diċembru dwar miżuri urġenti biex tiġi riformata l-iskema ta' protezzjoni kontra l-qgħad u tittejjeb l-impjegabbiltà

Il-Liġi Nru 56/2003 tas-16 ta' Diċembru dwar l-Impieg

II. IL-BENEFIĊĊJI MINIMI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 50 TAR-REGOLAMENT

Il-liġijiet u r-regolamenti li jirregolaw is-supplimenti għal pensjonijiet taħt il-minimu.

## III. IL-BENEFIĊĊJI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 77 TAR-REGOLAMENT, GĦAL TFAL DIPENDENTI

Il-liġijiet u r-regolamenti elenkati

Il-Kapitolu IX, relatat ma' benefiċċji tal-familja, tat-Titolu II tad-Dikriet Leġislattiv Rejali Nru 1/1994 ta' l-20 ta' Ġunju 1994, li japprova t-Test Kodifikat tal-Liġi Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali

Ir-regoli f'dan il-Kapitolu IX ta' hawn fuq, relatat ma' benefiċċji tal-familja, japplikaw għall-Iskemi Speċjali ta' Sigurtà Soċjali kollha (it-8 disposizzjoni addizjonali Nru 1 tat-Test Konsolidat ta' hawn fuq kif stabbilit fl-Artikolu 19(4) tal-Liġi Nru 52/2003 ta' l-10 ta' Diċembru dwar disposizzjonijiet speċifiċi dwar is-sigurtà soċjali).

L-Artikolu 7(h) tal-Liġi Nru 40/1998 tad-9 ta' Diċembru dwar it-Taxxa fuq id-Dħul Personali u regoli fiskali oħra, kif stabbilit fl-ewwel sub paragrafu ta' l-Artikolu 1(1) tal-Liġi Nru 62/2003 tat-30 ta' Diċembru dwar Miżuri Fiskali, Amministrattivi u Soċjali.

## IV. IL-BENEFIĊĊJI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 78 TAR-REGOLAMENT

Il-liġijiet u r-regolamenti li jirregolaw il-benefiċċji ta' orfni fit-Test Konsolidat tal-Liġi Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali, approvati mid-Dikriet Leġislattiv Rejali Nru 1/1994 ta' l-20 ta' Ġunju, u fid-disposizzjonijiet li jirregolaw Skemi Speċjali ta' Sigurtà Soċjali.